MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1847/1999/1

**Joseph Vincenti**

**Vs**

**Concetta Vincenti;**
**U b'digriet ta' l-1 ta' Novembru 1999 gie nominat Dr. Anthony Cremona bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-minuri Oriana Vincenti;**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur u l-konvenuta huma mizzewgin pero` separati *de facto* u fil-fatt bhalissa hemm proceduri ta' separazzjoni pendenti bejniethom;

Premess illi fit-28 ta' Marzu 1999 il-konvenuta welldet tarbija li inghatat l-isem Oriana kif jidher fic-certifikat tat-twelid anness ma' l-att tac-citazzjoni (Dok. A);

Premess illi din it-tarbija mhijiex bint l-attur nonostante li giet registrata hekk izda minn relazzjoni extra konjugali li l-konvenuta kellha ma' terza persuna; fil-fatt fil-perjodu preskritt mil-ligi huma kienu gja separati fil-fatt u l-konvenuta hbiet it-tqala taghha u t-twelid taghha u l-attur sar jaf ghaliex induna bl-istat tat-tqala u vverifika li t-twelid kien sehh;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tarbija Oriana li twieldet lill-attrici fit-28 ta' Marzu 1999 mhijiex bint l-attur;

2. Tordna li ssir l-annotazzjoni necessarja fl-att tat-twelid li jgib in-numru 2432 tas-sena 1999 billi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom missier it-tarbija" minflok isem l-attur jitnizzel "mhux maghruf" jew dik l-annotazzjoni li jidhrilha xierqa l-istess Qorti;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi dwar il-mertu ta' din l-azzjoni ta' denegata` paternita` l-esponent jirrimetti ruhu ghal provi dwar dak kollu dikjarat fid-dikjarazzjoni ta' l-attur;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jekk jintlaqghu it-talbiet attrici, apparti t-tibdil rikjest mill-attur fic-citazzjoni, ghandhom ukoll jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta' l-omm;

2. Illi inoltre u bla pregudizzju, il-bidla li qeghda tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri, ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti u ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar meta s-separazzjoni li jsemmi l-attur fil-kawza odjerna hija separazzjoni *de facto* u mhux *de jure*;

4. Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 2432/99 huwa konsegwenza ta' cirkostanzi ghal kollox estranei ghal konvenut odjern li ghalhekk m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr. Anthony Cremona kuratur deputat tal-minuri Oriana Vincenti, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma kienx edott mill-fatti tal-kawza u ghaldaqstant jirrizerva d-dritt li jipprezenta osservazzjonijiet responsivi u sottomissjonijiet ohrajn fi stadju ulterjuri;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuratur deputat u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Concetta Vincenti li fiha hija eccepiet:-

1. Illi ghalkemm hija tammetti li l-minuri Oriana verament mhix il-wild naturali ta' l-attur, hija giet kostretta mill-impjegati ta' l-Ufficcju tar-Registrazzjoni ta' ulied biex tindika lil zewgha bhala l-missier, u ghalhekk hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza;

2. Illi fit-tieni lok ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ilha zmien hazina hafna, u ghalhekk il-konvenuta ma kellha ghalxiex tahbi xejn, u fil-fatt mhux minnu li hija ppruvat tahbi t-tqala minn zewgha kif dikjarat minnu fic-citazzjoni odjerna;

3. Illi jekk issir korrezzjoni fl-att tat-twelid, ghandhom jigu korretti wkoll il-kolonni li jindikaw il-mestier, l-eta`, il-post tat-twelid u r-residenza tal-missier u isem missier il-missier;

4. Illi kif qed jigi trattat f'kawza ohra *ad hoc,* is-separazzjoni bejn il-partijiet kienet il-frott ta' imgieba hazina ta' l-attur, u ghalhekk huwa ghandu jbaghti l-ispejjez tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta Concetta Vincenti u l-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Novembru 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Greta Agius biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Ma jidhirx li jista' jkun hemm dubju, minn approfondiment tal-varji deposizzjonijiet tat-Titolu II - Sub-Titolu I tal-Kodici Civili li jitratta "fuq il-filjazzjoni ta' l-ulied imnisslin jew

imwielda matul iz-zwieg", illi fil-gradwatorja tal-valuri l-ligi tipprivileggja l-paternita` legali, prezunta sa mill-ewwel disposizzjoni (Artikolu 67) ta' dan is-Sub-Titolu, fuq dik naturali. Difatti l-istess ligi bil-hsieb li tivvalora lil paternita` naturali tiddetta certi kriterji li jridu jigu segwiti u mharsa ghar-realizzazzjoni taghha, idealment fl-interess tal-minuri;

Wiehed minn dawn il-kriterji hu dak traccjat fl-Artikolu 70 ta' l-istess Kodici. Skond din in-normativa tal-ligi nsibu dixxiplinat b'mod organiku hafna il-kontestazzjoni ta' wiehed mill-presupposti tal-legittimita`. Dik, jigifieri, tal-paternita`. Azzjoni din akkordata lir-ragel biex jichad li jaghraf lit-tarbija imnissla matul iz-zwieg;

Hija proprju din l-azzjoni ta' diskonoxximent li qed tigi esperita f'din l-istanza;

Fiha, l-attur jippremetti illi martu kellha relazzjoni extra-konjugali ma' ragel iehor u li minn din ir-relazzjoni giet koncepita l-minuri. Inoltre, jippremetti wkoll li martu hbietlu kemm it-tqala kif ukoll it-twelid tat-tarbija;

Mill-ftit provi fl-inkartament tal-kawza insibu li l-koppja kellhom dissidji bejniethom sa mill-1997 meta, skond l-attur (fol. 34) hu sar jaf li martu kellha relazzjoni ma' terza persuna. Huwa jsostni li minn dakinhar ma kellux aktar rapporti sesswali mal-konvenuta, u wara li l-qaghda hzienet huma sseparaw *de facto* u, ukoll gew inizjati procedimenti konducenti ghal firda legali;

Ix-xhud Anthony Pisani li ddepona fil-kawza tas-separazzjoni, kif manifest mill-kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu a fol. 47 tal-process, jaccetta li hu kellu relazzjoni sesswali mal-konvenuta u hekk ukoll jammetti li t-tarbija hi mnissla minnu;

Kwantu ghal fatt tac-celament tal-gravidanza, il-konvenuta tizmentixxi lill-attur illi hi ppruvat tahbilu t-tqala taghha. Tistqarr in effetti illi hi kienet informat b'dan lil zewgha meta kellha tlett xhur tqala (fol. 38). Minn naha tieghu l-attur jghid li hu sar jaf bit-tqala fl-okkazjoni ta' meta kien

hebb ghal martu. Id-data ta' meta ssuccieda dan ma gietx precizata;

Hu x'inhu l-kaz il-Qorti difficilment tista' tifhem anke fuq diskors l-attur kif qed jigi ritenut u premess minnu illi martu hbietlu t-tqala. Hu stess jammetti li sar jaf bit-tqala fl-okkazjoni minnu riferenzjata;

Hemm imbaghad aspetti ohra ta' dritt li jimmilitaw kontra din il-kontenzjoni ta' l-attur. Fir-rigward jghoddu l-osservazzjonijiet ta' din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "**Alexander Cauchi -vs- Antonia sive Antoinette Cuachi et**", 21 ta' Ottubru 2002, ghal liema qed issir espressa referenza;

Issa jidher minn dak premess mill-attur kif ukoll mill-fatti rakkolti mill-provi illi l-attur qed jinkwadra l-azzjoni tieghu fuq dak dispost fis-subinciz (d) ghall-Artikolu 70(1) tal-Kapitolu 16. Liema subinciz hekk jippreciza:-

"jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi (bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel) martu kienet ghamlet adulterju <u>jew</u> kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskuldu dik il-paternita`.";

Qari attent ta' din id-disposizzjoni ghandu jkun ovvju illi bl-uzu tal-preposizzjoni "jew" il-ligi tikkuntenta ruhha bil-prova ta' l-adulterju u ma hemmx ghalfejn jigu stabbiliti r-rikorrenzi l-ohra. Dawk cjoe, tal-habi tat-tqala u tat-twelid tat-tarbija. Din il-prova ta' l-adulterju hi, imbaghad, subordinata ghad-dimostrazzjoni ta' fatti ohra nkonciljabbli mal-paternita` legali;

L-oneru ghalhekk li l-ligi timponi fuq l-attur hi dik ta' l-adulterju. Adulterju veru u mhux is-semplici relazzjoni. Kif inghad, din il-prova legali ma hijiex esklussiva in kwantu l-ligi trid ukoll kontestwalment il-prova ta' xi fatt iehor konkomitanti li jeskludi l-paternita` attribwita lilu bl-att tat-twelid;

Tali fatt jista' jiehu s-sura ta' mankanza ta' rapporti sesswali bejn l-attur u martu fiz-zmien prossimu ghal koncepiment. Fatt dan koncess mill-attur. Dan indipendentement mill-adulterju ammess mill-konvenuta u mir-ragel li maghha kellha dan ir-rapport;

F'kazijiet bhal dawn kollox hu mholli fl-apprezzament ta' minn irid jiggudika fuq il-fatt fl-indagni biex tigi stabbilita l-fondament ta' l-azzjoni. Huwa veru li f'dan il-kaz ma ntalbitx il-prova xjentifika jew genetika. Din pero` mhix xi prova assoluta li trid issir ghas-success ta' l-azzjoni. Fil-fatt il-ligi stess tissuggeriha bhala wahda fost "fatti ohra". U allura mhix prova esklussiva. Ghalkemm meta tintalab u jkun hemm rifjut il-qorti tista' tittragga' minn dan l-atteggjament il-konkluzjonijiet li jidhriilha gustifikati (Artikolu 70(3));

Valutati l-provi l-Qorti lesta taccetta, fl-interess stess tal-minuri, illi l-attur tabilhaqq ma huwiex il-missier naturali tal-minuri u ser tipprovdi f'dan is-sens fil-parti dispozittiva ta' dan il-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara illi t-tarbija Oriana li twieldet lill-konvenuta fit-28 ta' Marzu 1999 mhijiex bint l-attur;

Tilqa' konsegwentement it-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-istess minuri Numru ta' Registrazzjoni 2432/1999 li kopja tieghu giet esebita a fol. 4 tal-process billi minnu tithassar kull referenza ghall-attur u ghall-konnotati tieghu u minflok jigi sostitwit bil-kliem "missier mhux maghruf". Inoltre u bl-akkoljiment tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm ghandhom jithassru l-kliem "*the said*".

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenuta Concetta Vincenti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------